MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1212/2004

**Lucienne Abela**

**vs**

**Stacey Mangion**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Gunju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00) skond il-kuntratt ta' separazzjoni, kopja annessa, u huwa s-s-sehem dovut mill-konvenut mill-ispejjez legali skond il-klawsola numru 14 tal-kuntratt u skond ir-ricevuta tal-VAT.

Bl-imghax mid-data tal-kuntratt.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi

pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------